**<u>Denis Azzopardi u l-Volontarjat</u>** **Verzjoni bil-Malti**



Nhar il-Hadd 17 ta' Mejju 2009 id-Dar tal-Providenza irrikonoxxew il-hidma volontarja li s-Sur Denis Azzopardi wettaq matul hajtu, billi tawh **il-premju Mons. Mikiel Azzopardi**. Minhabba l-kundizzjoni medika tieghu Denis ma' setax ikun prezenti maghna. Fil-fatt ftit jiem wara, Denis inaqghad mal-Mulej biex igawdi l-frott tal-hidma tieghu.

Se naqsam maghkom ftit hsibijiet dwar minn kien Denis Azzopardi ghalija, ghar-ragel tieghi Kevin, ghal-persuni b'dizabilita` (b'mod partikolari dawk li huma jew kienu membri tal-Grupp Distrofija Muskolari) u persuni ohra qrib tieghu. Denis kien il-missier li l-Mulej ghogbu jghatina. Kien bniedem umli, gentili, sincier, pacenzjuz, onest, habib ta' veru, b'qalb mimlija imhabba lejn dawk il-persuni li l-aktar ghandhom bzonn.

Jiena ilnhi 25 sena membru tal-Grupp Distrofija Muskolari u Denis kien l-ewwel persuna li jien kont iltqajt mieghu. Kont ghadni tifla ta' hdax il-sena, ma' kontx ghadni accettajt il-kundizzjoni tieghi, imma Denis bil-karizma u l-imhabba tieghu gheni u kien ikkonvincini nidhol membru fil-Grupp. Denis kien laqqani ma' membri ohra tal-Grupp u minn hemm bdejt nattendi b'mod regolari ghall-attivitajiet li kienu jigu organizzati.

Kien grazzi ghal-Denis li jien sirt naf x'jigifieri l-volontarjat u kemm kien (u ghadu) importanti ghalija u ghal-familji ohra membri fil-Grupp taghna. Fortunatament il-Grupp Distrofija Muskolari dejjem emmen fil-persuni b'dizabilita` u qatt ma' hares lejna bhala imsieken, anzi kien jemmen li l-persuni b'dizabilita' huma kapaci u ghandhom imexxu huma. Ftit ftit beda jaghti aktar spazju ghall-vuci taghna fit-tmexxija tal-Ghaqda, tant, li llum il-gurnata hemm hafna persuni b'dizabilita` li jghinu u sahansitra jmexxu l-Grupp (nista ninkludi lili nnifsi maghhom).

Ghaziz Denis, grazzi mil-qalb ta' dak kollu li ghamilt ghal-gid taghna l-persuni b'dizabilita` u tas-socjeta ingenerali. Zgur li dejjem se nibqghu niftakruk b'dik it-tbissima ta' kuragg li kien ikollok lesta ghalina, anke f'mumenti mhux daqshekk facli.

Denis grazzi li accettajna li nkunu parti mill-hajja tieghek....

Rita Vella
25/05/09